MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' April, 2022

Appell Inferjuri Numru 100/2021 LM

**Lorelle Degabriele (K.I. nru. 305189(M))**
*('l-appellata')*

***vs*.**

**Elmo Pensions Limited (C 24542)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Elmo Pensions Limited** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fis-16 ta' Settembru, 2021, fil-Kwistjoni tax-Xogħol nru. 3563/HW

fejn laqa' it-talbiet tar-rikorrenti **Lorelle Degabriele (K.I. nru. 305189(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'] billi ddikjara li huwa kien qed:

> *"...isib u jasal għal konklużjoni li r-rikorrenti ma kellix smigħ xieraq fil-proċess ta' dixxiplina u b'konsegwenza ġie miksur id-dritt fundamentali tal-ġustizzja naturali u għaldaqstant it-terminazzjoni tal-impieg kienet inġusta u saret bi ksur tal-liġi.*
>
> *It-Tribunal Industrijali jiddeċiedi wkoll, li r-rikorrenti għandha titħallas kumpens ta' €8,500 (tmint elef u ħames mitt euro) liema kumpens għandu jitħallas mingħand Elmo Pensions Limited (C 24542) fi żmien ħmistax il-ġurnata mid-data ta' din id-Deċiżjoni."*

## **<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw it-tkeċċija allegatament inġusta tal-appellata minn mas-soċjetà appellanta fid-9 ta' Mejju, 2017[1], wara li hija kienet ilha taħdem mal-istess kumpannija ftit xhur mill-5 ta' Diċembru, 2016 fuq kuntratt indefinit tax-xogħol[2] fil-kariga ta' *Pensions Administrator.* Sadanittant hija kienet ħarġet tqila u avżat verbalment lis-soċjetà appellanta bl-istat tagħha. Meta saret it-terminazzjoni tal-impjieg tagħha, ir-rikorrenti kienet għadha taħt żmien ta' prova. Is-soċjetà intimata tgħat lir-rikorrenti ir-raġunijiet għat-terminazzjoni tal-impjieg, però t-terminazzjoni tal-impjieg saret b'mod ħesrem u l-management unilateralment iddeċieda li r-rikorrenti kienet ħatja tal-inċidenti msemmija fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg mingħajr qabel ma għadda lir-rikorrenti minn proċess ta' dixxiplina.

[1] Ara ittra ta' tkeċċija Dok. LD2 *a fol.* 11 tal-atti tat-Tribunal.
[2] Ara Dok. LD1 *a fol.* 7.

**Mertu**

3. L-appellata stitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal fit-23 ta' Ġunju, 2017 permezz ta' rikors fejn talbet sabiex l-imsemmi Tribunal jiddikjara li t-tkeċċija tagħha mix-xogħol kienet waħda nġusta, diskriminatorja u bi ksur tal-liġi. Għalhekk talbet sabiex jiġi likwidat u ordnat li jitħallas lilha kumpens.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fis-6 ta' Ottubru, 2017, fejn eċċepiet li t-talbiet tal-appellata kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt għal dawk ir-raġunijiet li hija tispjega fir-risposta tagħha, u għalhekk dawn kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni finali tiegħu:

> *"It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra dan il-każ inkwestjoni u l-ewwel kunsiderazzjoni primarja li jieħu hija, li għalkemm meta saret it-terminazzjoni tal-impjieg ir-rikorrenti kienet għadha taħt żmien ta' prova però peress li hija kienet tqila s-soċjetà kienet obbligata skont il-liġi li tagħti r-raġunijiet tat-terminazzjoni tal-impjieg.*
>
> *F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li għalkemm is-soċjetà tat lir-rikorrenti ir-raġunijiet għat-terminazzjoni tal-impjieg però t-terminazzjoni tal-impjieg saret b'mod ħesrem u l-management unilateralment iddeċieda li r-rikorrenti kienet ħatja tal-inċidenti msemmija fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg mingħajr qabel ma għadda lir-rikorrenti proċess ta' dixxiplina, fejn ir-rikorrenti kien ikollha l-opportunità li tagħti l-verżjoni tagħha biex tiddefendi l-każ tagħha.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li l-prinċipju fundamentali tal-ġustizzja naturali huwa li ħadd ma għandu jinstab ħati qabel ma tiġi mogħtija l-opportunità għal smigħ xieraq.*

*It-Tribunal Industrijali kemm -il darba saħaq, li meta fl-opinjoni tas-sid il-ħaddiem ikun naqas minn dmirijiethu u jkun jirrikjedi li jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tiegħu, is-sid għandu jinforma lill-ħaddiem involut bil-miktub x'kienu n-nuqqasijiet tiegħu u jagħtih l-opportunità li jiddefendi l-allegazzjonijiet li jkunu saru fil-konfront tiegħu biex b'hekk il-ħaddiem ikun f'qagħda li jiddefendi l-każ tiegħu. Għaldqastant, is-sid għandu joħroġ att ta' akkuża fil-konfront tal-ħaddiem u jagħtih data u ħin ta' meta se jkun se jinstema' l-każ ta' dixxiplina fil-konfront tiegħu. Il-ħaddiem għandu wkoll jingħata l-opportunità li jtella' xhieda kif ukoll jekk ikun irid ikollu l-assistenza ta' persuna tal-għażla tiegħu.*

*Mill-provi li ġew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirriżulta, li fl-ebda stadju tal-każ is-sid ma ta l-opportunità lir-rikorrenti li b'mod xieraq tiddefendi l-każ tagħha."*

## <u>L-Appell</u>

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-27 ta' Settembru, 2021 fejn qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal, u b'hekk tilqa' l-appell tagħha u ssib li t-terminazzjoni ta' impjieg tal-appellata sar b'mod ġust u validu mingħajr ksur tal-liġi. Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (1) it-Tribunal kellu jiċħad it-talba tal-appellata għaliex kien għadu għaddej iż-żmien tal-prova; (2) l-appellata ma kinitx infurmat lill-prinċipal tagħha skont il-liġi li hija kienet tqila; (3) mhux meħtieġ mil-liġi li l-prinċipal jipprovdi għal proċeduri ta' dixxiplina qabel it-tkeċċija, u dan aktar u aktar fiż-żmien tal-prova.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellata wieġbet fis-6 ta’ Diċembru, 2021 billi stqarret li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma, u dan filwaqt li tispjega r-raġunijiet tagħha għaliex l-appell għandu jiġi miċħud.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata, u dan fid-dawl ta’ dak li kkonstata u ddeċieda t-Tribunal. Iżda tqis li kif sewwa tissuġġerixxi l-appellata, l-ewwel żewġ aggravji għandhom jiġu ttrattati flimkien stante li l-Qorti tagħraf li dak li ser tikkonsidra fir-rigward tal-ewwel aggravju ser jistrieħ fuq dak li jista’ jiġi deċiż fir-rigward tat-tieni aggravju.

*L-ewwel aggravju:* *[kien għadu għaddej iż-żmien tal-prova]*
*It-tieni aggravju:* *[l-appellata ma nfurmatx lill-prinċipal li kienet tqila]*

9. Is-soċjetà appellanta tispjega l-ewwel aggravju tagħha billi tiċċita diversi siltiet mid-deċiżjoni appellata, li skont hi juru li t-Tribunal kien aċċetta l-fatt li l-impjieg tal-appellata kien ġie tterminat waqt iż-żmien tal-prova tagħha, u dan għarfitu wkoll l-appellata fir-rikors promotur. Filwaqt li tagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 36(1) tal-Kap. 452, u anki dawk tas-subartikolu 36(2) tal-istess liġi, tissottometti li waqt l-impjieg bi prova, l-impjieg jista’ jiġi mitmum minn min ikun irid miż-żewġ partijiet mingħajr ma jagħti ebda

raġuni, u dan kien kristallizzat u eżawrit fil-ġurisprudenza ampja dwar is-suġġett. Hawn is-soċjetà appellanta tiċċita dak li qalu fuq il-materja kemm it-Tribunal, u anki din il-Qorti kif diversament ippreseduta, fid-deċiżjonijiet u fis-sentenzi rispettivi tagħhom. Tirrileva li saħansitra taħt il-paragrafu (a) tal-artikolu 2 tal-Kap. 452, il-perijodu ta' prova huwa eskluż għal kollox mid-definizzjoni ta' tkeċċija inġusta, u t-Tribunal ma kellu l-ebda kompetenza li jinvestiga jekk it-terminazzjoni kinitx inġusta jew le, ġaladarba huwa stess aċċetta li l-impjieg ġie tterminat fil-perijodu ta' prova. Is-soċjetà appellanta tkompli billi tissottometti li mbagħad il-protezzjoni li tagħti l-liġi lil 'impjegata tqila', tinstab fir-Regolamenti Dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impjieg) jew L.S. 452.91, u hawn tgħid li t-Tribunal għamel biss osservazzjoni li l-appellata fl-ebda ħin ma kienet infurmat bil-miktub lill-prinċipal tagħha kif tirrikjedi l-liġi li hija kienet *pregnant*, u waqaf hemm. Tgħid li l-appellata stess ammettiet li hija kienet infurmat lis-superjuri tagħha bit-tqala tagħha b'mod verbali, u hawn hija tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Maria Caruana *vs.* GCS Accounting Malta Limited** deċiża fit-12 ta' Mejju, 2021 f'ċirkostanzi li tgħid li huma identiċi, u anki għal deċiżjoni tat-Tribunal fil-każ nru. 3438/CCG. Hija tagħmel riferiment u anki tiċċita d-disposizzjonijiet tal-L.S. 452.91, u tikkontendi li għalkemm l-appellata ma kinitx 'impjegata tqila' skont il-liġi, hija kienet għażlet li tati r-raġunijiet tagħha bil-miktub fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg mingħajr ma kellha l-ebda obbligu legali. Tgħid li dan madankollu it-Tribunal m'għarfux, u minflok ikkonsidra li *"peress li kienet tqila skont il-ligi kien obbligu mis-soċjetà li tagħti r-raġunijiet għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha"* meta hu stess kien irrikonoxxa li *"matul l-impjieg ir-rikorrenti ... ma kinitx infurmat lill-management bil-miktub ... li r-rikorrenti kienet pregnant'.* Tkompli billi

tikkontendi li barra minn hekk it-Tribunal applika b'mod skorrett il-proċedura ta' tkeċċija, u ma kienet tirriżulta minn imkien il-ħtieġa li impjegat għandu jgħaddi bord ta' dixxiplina qabel ma jitkeċċa. Jekk imbagħad dan kien tassew legalment korrett, ma setax japplika għall-każ odjern għaliex (a) l-appellata kienet għadha fil-perijodu ta' prova; (b) l-appellata ma kinitx tgawdi l-protezzjoni tal-liġi bħala 'impjegata tqila'; (ċ) is-soċjetà appellanta kienet ipprovdiet ittra bir-raġunijiet għat-terminazzjoni minkejja li ma kinitx tenuta li tagħmel dan; u (d) l-appellata kienet tkellmet magħha Dr. Roberta Buhagiar, il-*manager* tagħha, fejn kellha l-opportunità li tippreżenta l-verżjoni tagħha. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li b'hekk m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-tkeċċija kienet waħda ġusta u għalhekk it-Tribunal ma kienx korrett meta straħ fuq il-punt ta' nuqqas ta' proċedura ta' dixxiplina, u dan filwaqt li tagħmel riferiment għal sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **James Buhagiar *vs.* Jani Limited.**[3] Tissottometti li jekk it-Tribunal kien ikkonsidra r-raġunijiet għalfejn hija kienet temmet l-impjieg tal-appellata, u dan fiż-żmien tal-perijodu ta' prova, huwa kellu jasal għal konklużjoni ferm differenti, iżda minflok waqaf fuq il-punt ta' nuqqas ta' proċeduri ta' dixxiplina. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal kien *ultra vires* fid-deċiżjoni appellata. L-ewwel raġuni li tagħti hija li t-Tribunal investiga r-raġuni għat-tmiem tal-impjieg meta l-appellata ma kellha l-ebda protezzjoni tal-liġi bħala mpjegata tqila. Hija hawn għal darb'oħra tagħmel riferiment għas-sentenzi diġà ċċitati minnha fil-bidu tar-rikors tagħha. Tgħid li anki jekk it-Tribunal ried jaġixxi proprju *ultra vires* u jinvestiga għalfejn l-appellata ġiet terminata stante li din kienet tqila, huwa kellu quddiemu l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha

[3] 26.01.18.

bir-raġunijiet għalfejn saret dik it-terminazzjoni, liema terminazzjoni ma kellha x'taqsam xejn mal-fatt li hija kienet tqila. Għalhekk it-Tribunal ma setax minn jeddu jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tas-soċjetà appellant kinitx waħda ġusta jew le.

10. L-appellata tiftaħ is-sottomissjonijiet tagħha billi tiddikjara li mhuwiex minnu li t-Tribunal straħ fuq prinċipji legalment skorretti. Tikkontendi li l-ewwel u t-tieni aggravju fil-fatt setgħu ġew ittrattati flimkien għaliex kienu konsegwenzjali. B'riferiment għal dak li qegħda tisħaq fuqu s-soċjetà appellanta, l-appellata tistaqsi għar-raġuni għalfejn l-istess soċjetà appellanta ħassitha obbligata li telenka n-nuqqasijiet u l-atteġġjament tal-appellata, sabiex issostni t-tkeċċija tagħha meta kienet tant konvinta li l-appellata ma kinitx tgawdi mill-protezzjoni ta' impjegata tqila. Tikkontendi li dan għalhekk juri kemm is-soċjetà appellanta kienet ġiet infurmata bit-tqala tagħha, u d-deċiżjoni li jintemm l-impjieg tagħha fil-fatt ittieħdet waqt li kienet tqila. Tgħid li mhux kontestat li waqt perijodu ta' prova l-prinċipal mhux obbligat li jagħti raġuni għat-tkeċċija, ħlief jekk mara tkun qegħda tgawdi mill-protezzjoni ta' impjegata tqila. Dan t-Tribunal qiesu li mbagħad kien fil-kompetenza tiegħu li jikkonsidra jekk it-tkeċċija tagħha kienet waħda ġusta o meno. L-appellata ssostni li kuntrarjament għal dak li qegħda tikkontendi s-soċjetà appellanta, it-Tribunal kellu raġun li jsemmi l-proċeduri dixxiplinarji, għaliex dan kien skont id-disposizzjonijiet tal-para (ċ) tar-regolament 12A tal-L.S. 452.91. Tirrileva li hija kienet tqegħdet fl-impossibilità li tippreżenta ċertifikat bil-miktub tat-tabib tagħha sabiex tiġi kkonfermata t-tqala tagħha, u dan għaliex hija tkeċċiet hekk kif infurmat lill-prinċipal tagħha. Irrilevat ukoll li ħadd mid-dipartiment tar-riżorsi umani tas-

soċjetà appellanta ma kien qalilha b'dan l-obbligu tagħha, u minflok din użat in-nuqqas tagħha kontriha. L-appellata ssostni li l-ispirtu tal-liġi huwa li jiġu protetti impjegati tqal kontra aġir bħal ma rriżulta fil-każ odjern, u dan filwaqt li hija tagħmel riferiment għall-parir ta' Advocate General E. Sharpston kif imfisser fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fl-ismijiet **Porras Guisado *vs.* Bankia S.A. & Others** deċiża fit-22 ta' Frar, 2018.

11. Din il-Qorti tgħid li s-soċjetà appellanta għandha raġun. Filwaqt li tagħraf li s-sentenza tagħha fl-ismijiet **Maria Caruana *vs.* GCS Accounting Malta Limited**[4], kif ċitata ukoll mis-soċjetà appellanta, tippreżenta fatti li huma simili ferm għal dawk li jirriżultaw fil-każ odjern, il-Qorti tgħid li għandhom għalhekk jgħoddu l-istess konsiderazzjonijiet tagħha kif imfissra f'dik is-sentenza. Għal darb'oħra tirritjeni li d-disposizzjonijiet tas-subregolament 2(1) tal-L.S. 452.91 huma ċari fejn jipprovdu li 'impjegata tqila' hija tenuta tgħarraf lill-prinċipal tagħha bil-miktub bl-istat tagħha, iżda wkoll fi żmien ħmistax-il jum minn dak l-ewwel avviż hija tenuta tgħaddi lill-imsemmi prinċipal ċertifikat maħruġ minn tabib jew qabla reġistrati li jikkonferma l-istat tagħha u anki d-data mistennija tat-twelid. Fil-każ odjern l-appellata naqset li tagħmel dan, u tispjega li hija saħansitra ma kinitx taf bl-obbligu legali tagħha. Iżda kif hija stess tirrileva, *ignorantia juris non excusat.* Skartat dan il-prinċipju, il-pożizzjoni legali tal-prinċipal, u saħansitra din il-Qorti stess tgħid anki tal-impjegata tqila, ma tistax tkun waħda ċerta u inekwivoka.

[4] App.Inf.28/2020LM, 12.05.21.

12. Iżda l-Qorti tqis li t-Tribunal warrab għal kollox id-disposizzjonijiet tas-subregolament 2(1) tal-L.S. 452.91, u mill-ewwel ikkonsidra lill-appellata bħala 'impjegata tqila', tant li sostna li s-soċjetà appellanta meta tterminat l-impjieg tagħha kienet tenuta skont il-liġi li turi liema kienu r-raġunijiet għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha. Saħansitra kkonsidra wkoll li l-appellata kellha tingħata l-opportunità li tiddefendi l-każ tagħha.

13. Madankollu ġaladarba din il-Qorti mhiex qegħda tikkonsidra l-appellata bħala 'impjegata tqila' minħabba n-nuqqas tagħha li tottempora ruħha mad-disposizzjonijiet tal-L.S.452.91, u meħud in konsiderazzjoni dak li tipprovdi għalih il-klawsola 1.4 tal-kuntratt ta' impjieg tagħha tal-5 ta' Diċembru, 2016[5], li l-ewwel sitt xhur tal-impjieg tagħha kellu jkun wieħed ta' prova, tqis li kien applikabbli fil-konfront tagħha s-subartikolu 36(1) tal-Kap. 452. Hawn is-soċjetà appellanta kellha kull dritt li tittermina l-impjieg tal-appellata sakemm tagħti avviż ta' ġimgħa bil-quddiem tat-tkeċċija tagħha, filwaqt li ma kienet marbuta bl-ebda obbligu sabiex tipprovdiha bir-raġuni tat-terminazzjoni.

14. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li dawn l-ewwel żewġ aggravji tas-soċjetà appellanta huma ġustifikati u tilqagħhom. Stante li għalhekk il-Qorti qegħda ssib li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellata saret skont il-liġi, hija ser tastjeni milli tikkonsidra t-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta li jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' ħtiega ta' proċeduri dixxiplinarji qabel it-tkeċċija tal-appellata fi żmien ta' prova.

---

[5] Dok. LD 1 a *fol.* 7.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqgħu, u b'hekk tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tiċħad it-talbiet kollha tal-appellata, u tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll dawk quddiem it-Tribunal, għandhom ikunu a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu'**
**Deputat Reġistratur**